# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 41/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Gabriel Micallef)

vs

**Ian Xuereb**

iben Jesmond, imwieled Pieta', fl-14 ta' Marzu, 1987, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 149887(M)

Illum, 18 ta' Mejju, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Ian Xuereb quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

talli nhar it-13 ta' Lulju 2011 ghal habta tas-sitta u hames minuti ta' filghodu (06:05hrs) minn gewwa l-istabiliment Maypole li jinsab fi Triq il-Qalb ta' Gesu, San Pawl il-Bahar:

1. Ikkommetta serq ta' telefon cellulari, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur;

2. Kif ukoll talli sar ricediv b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat il-erbal tas-seduta tal-5 ta' April, 2013 fejn l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-6 ta' Mejju, 2013 fejn l-imputat, fuq l-ammissjoni tieghu, instab hati u gie ikkundannat ghal piena karcerarja ta' sitt xhur prigunerija sospiza ghal perjodu ta' tlett snin. Minbarra dan l-imputat tqieghed taht Ordni ta' Supervizjoni ghal perjodu ta' tlett snin.

Illi fit-18 ta' Gunju, 2013 sar rapport mill-Probation Officer kontra Ian Xuereb u konsegwenza ta' tali rapport l-Qorti tal-Magistrati ghaddiet ghas-sentenza tas-6 ta' frar, 2014.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Frar, 2014 fejn il-Qorti thoss li l-imputat Ian Xuereb ma segwiex l-Ordni tas-Supervizjoni li nghatat lilu fis-sentenza taghha fl-ismijiet premessi fis-6 ta' Mejju 2013 u ghalhekk qieghda tordna li s-sentenza ta' prigunerija ta' sitt xhur tigi reza operattiva minnufih.

Rat ir-rikors tal-appellant Ian Xuereb ipprezentat fit-12 ta' Frar, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza hawn fuq indikata tas-6 ta' Frar 2014 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura billi ma jsibux hati li kiser l-ordni ta' supervizjoni u fin-nuqqas taghti sentenza aktar ekwa u gusta.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ma ghamiltx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. L-appellant ghandu problema ta' dipendenza ta' droga li ilu jbaghti ghal zmien twil u ghalih mhux facli li jieqas kif gie u naqas. Minkejja li s-sentimenti tal-Qorti huma apprezzati, ma nehhi xejn mid-diffikultajiet li ghaddej minnhom l-appellant. Hemm persuni li jsibuha aktar facli minn ohrajn u jidher car li l-

appellant ghandu diffikultajiet sabiex jaqta l-vizju, minkejja li wera x-xewqa li jaghmel dan id-diversi drabi. Bla dubju ta' xejn il-prigunerija mhix se tghinu, anzi hija haga nota li jekk persuna verament trid isib id-droga tista taghmlu anki fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin. Dan barra mill-fatt li se jiltaqa ma persuni li ghandhom motivazzjonijiet differenti fuq id-dependenza ta' droga. Dan il-fatt mhuwiex serju bizzejjed biex jigi mpost fuqu l-applikazzjoni tas-sentenza ta' prigunerija.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost l-ordni li inghata mhix l-unika ghazla li ghandha l-Ewwel Qorti, izda tista timponi ammenda ta' massimu €232.94 kif provdut fl-artikolu 28G(9) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fl-ewwel lok, ghandu jigi rilevat li r-rkors tal-appell ta' Ian Xuereb igib id-data tat-12 ta' Frar, 2014.

Illi fit-tieni lok, b'sentenza ta' din il-Qorti, diversament presjeduta fl-ismijiet: "IL-Pulizija v. Ian Xuereb" tas-7 ta' Jannar, 2016 (appell numru 561/2013) din il-Qorti kkonfermat sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fl-10 ta' Dicembru, 2013 fejn fost l-affarijiet l-ohra ikkundannat lill-appellant ghal piena ulterjuri ta' sitt xhur prigunerija billi gabet in vigore s-sentenza moghtija minn dik il-Qorti fis-6 ta' Mejju, 2013 li hi hawn fuq imsemmija.

Illi hu car li llum l-aggravju tal-appellant hu wiehed fis-sens li bis-sentenza ta' din il-Qorti tas-7 ta' Jannar, 2016 hu qed jiskonta l-piena ta' sitt xhur prigunerija.

Illi hu daqstant car li ebda persuna ma tista' tigi kkundannata darbtejn ghall-istess fatt. F'dan il-kaz, jekk din il-Qorti ma tilqax l-appell ta' Ian Xuereb tkun qed tikundanna lill-istess Ian Xuereb fuq l-istess fatt darbtejn u ghal piena li qed jiskonta attwalment.

Ghaldaqstant, din il-Qorti tilqa l-appell ta' Ian Xuereb. Tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u tehles lill-istess Ian Xuereb minn kull htija u piena.

.